MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Numru 88/2008

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond J Borg)

vs

Tristan Falzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta' karta ta' identita numru 402382(M) akkuzat, talli:

1. nhar is-17 ta' Novembru 2007 ghall-habta tas-7:30p.m. u fil-hinijiet ta' qabel, fi Triq it-23 ta' April Qormi, ikkometta serq ta' stereo ta' l-ghamla Aiwa minn vettura ta' l-ghamla Aiwa minn vettura ta' l-ghamla Opel bin-numru tar-registrazzjoni AAN107 ghad-detriment ta' Natasha Falzon, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioé vettura ta’ l-ghamla Opel bin-numru tar-registrazzjoni AAN107, liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-dannu tas-sid Natasha Falzon;
3. nhar it-18 ta’ Novembru 2007, fi Pjazza San Filep Zebbug ghall-habta tas-1:00p.m. ikkommetta serq ta’ stereo ta’ l-ghamla Kenwood minn vettura ta’ l-ghamla Nissan Micra bin-numru tar-registrazzjoni FBE484 ghad-detriment ta’ Edward Baldacchino, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;
4. data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioé vettura ta’ l-ghamla Nissan Micra bin-numru tar-registrazzjoni FBE 484, liema hsara ma tiskorrix l-hamsin lira Maltin (Lm50) ghad-dannu tas-sid Edward Baldacchino;
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f’dawn il-gzejjer, xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
6. sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija fil-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti Kriminali, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
7. ghamel reat waqt il-perjodu ta’ sentenza sospiza, b’sentenza li saret definittiva nhar id-9 ta’ Frar 2004 fil-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti Kriminali ppreseduta mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D fejn kien issentenzjat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzat issibu hati tar-reati kontrih dedotti. Dawn jikkonsistu f'suq aggravat bil-mezz u x-xorta tal-haga, hsara volontarja (mezz ghal fini), li hu recidiv u li kkommetta r-reati waqt perjodu ta' prigunerija sospiza.

Jirrisulta li l-akkuzat qieghed fil-present isegwi programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni.

Stante dan il-fatt u sabiex l-akkuzat ikompli r-rijabilitazzjoni tieghu l-Qorti wara li rat l-Artikolu 261(b)(g), 263(a), 264, 271(g), 279(2), 325(1)(b)(c), 17 tal-Kap 9 tiddeciedi li tpoggi lill-akkuzat taht perjodu ta' probation ghal zmien tlett snin bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u bil-kundizzjoni esplecita li jittermina b'succerss l-programm ta' rijabilitazzjoni li qieghed isegwi presentament.

Il-Qorti fehmet lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------